MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 104/2007

**Kenneth William Donaldson**

**vs**

**Nita Gavin, Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u Health Managers (Malta) Limited (C35429) ghal kull interess li jista' jkolla**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Kenneth William Donaldson li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-attur huwa azzjonista, direttur u "*Company Secretary*" fis-socjetà Health Managers (Malta) Limited (C35429).

Is-socjetà Health Managers (Malta) Limited hija "*Private Exempt Company*" irregistrata mal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta taht ir-regolamenti ikkontenuti fil-Kap. 386, u mal-attur hemm Direttur iehor u erba azzjonisti, fosthom l-konvenuta Nita Gavin.

Skond l-"*Articles of Association*" tas-socjetà "*Health Managers (Malta) Limited*" kull meta hemm trasferiment ta' ishma fis-socjetà, l-azzjonisti ezistenti tas-socjetà ghandhom *pre-emption rights*.

Kull meta isir trasferiment ta' ishma irid ikun hemm *Share Transfer Agreement* u trid tithallas it-taxxa tal-bolla, skont Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta u *Capital Gains Tax* skond Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm ma hemmx ezenzjoni specifika minghand l-Kummissarju td-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

L-attur kien ftiehem mal-konvenuta Nita Gavin li kien ser jiddona hmistax fil mija (15%) tal-ishma tas-socjetà ossia tlett mitt ishma ordinarji lilha, izda qabel ma seta' jaghmel dan kellu jirrispetta d-drittijiet ta' *pre-emption* li kellhom l-azzjonisti l-ohra fis-socjetà Health Managers (Malta) Limited.

L-attur kien iffirma *Form T*, mahrug mir-Registru tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, izda ma kienx nizzel id-data fuq l-istess formula peress illi kien ghadu qed jistenna li joffri l-istess ishma lill-azzjonisti ohra u peress illi kien ghadu ma thallasx it-taxxa fuq it-trasferiment.

Il-konvenuta abbuzivament minghajr il-permess tal-attur, ipprezentat is-sureferiti *Form T*, mal-awtoritajiet cioè Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, liema awtorità irregistrat dan id-dokument minkejja li ma kienx hemm indikazzjoni li thallset t-taxxa fuq it-trasferiment, u kif ukoll minkejja li dan l-ishma ma gewx offruti lill-azzjonista l-ohra fis-socjetà imsemmija b'tali mod li ma gewx rrispettati il-*pre-emption rights* tal-azzjonisti l-ohra bi ksur tar-regolamenti tal-istess socjetà u kif ukoll tal-ligi.

Minkejja li l-attur interpella lil Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex ihassru r-registrazzjoni tal-konvenuta Nita Gavin bhala azzjonista fis-socjetà Health Managers (Malta) Limited, dawn insistew li tali thassir ma setax isir minghajr ordni specifika mill-Qorti Kompetenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi t-trasferiment ta' tlett mitt ishma ordinarji minghand Kenneth William Donaldson lil Nita Gavin huwa null u bla ebda effett fil-Ligi stante li t-trasferiment ma rispettax il-pre-emption rights tal-azzjonisti ohra tas-socjetà Health Managers (Malta) Limited.

2. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi t-trasferiment ta' tlett mitt ishma ordinarji minghand Kenneth William Donaldson lil Nita Gavin huwa null u bla ebda effett fil-Ligi stante li t-trasferiment ma rispettax il-hlasijiet ta' *Capital Gains* skond kif stabbilit mill-Kap. 372 u hlasijiet tal-boll skond kif stabbilit mill-Kap. 372.

3. Tiddikjara bhala nulla u bla effett ai fini tal-Ligi il-*Form T* sottomess mill-konvenuta Nita Gavin ghand l-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

4. Tordna lill-konvenut Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex jerga' jirregistra tlett mitt ishma ordinarji fis-socjetà Health Managers (Malta) Limited f'isem l-attur Kenneth William Donaldson, kif ukoll ihassar l-isem tal-konvenuta Nita Gavin bhala azzjonista fis-socjetà Health Managers (Malta) Limited.

Bl-ispejjez u l-konvenuti minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tac-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, il-konvenut Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna, u dana peress illi hu mhuwiex il-persuna mahtura mill-Ministru tal-Finanzi ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) bhala Registratur tal-Kumpanniji bil-funzjoni illi jzomm u jirregistra dokumenti mehtiega li jkunu moghtija jew notifikati ghar-registrazzjoni skond xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-istess Att.

Allura c-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ghandu konsegwentement jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tac-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Nita Gavin f'isimha proprio u bhala Direttur ta' Health Managers (Malta) Limited li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament il-fatt illi r-rikorrent m'ghandux interess, la legali jew legittimu, illi jippromwovi din l-azzjoni, stante li semmai tali interess jispetta lill-azzjonisti l-ohra li allegatament ghandhom xi *pre-emption rights* vantati mir-rikorrent liema rikorrent huwa stess ittrasferixxa l-ishma in kwistjoni.

Sekondarjament il-fatt illi jekk is-socjetà ma rieditx taccetta t-trasferiment tal-ishma dan messu sar fi zmien xahrejn mid-data tat-trasferiment, haga li ma saritx u kwindi ai termini tal-Artikolu 119(2) l-azzjoni hija perenti.

Fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li t-trasferiment tal-ishma sar permezz ta' dokument bil-miktub kif tistipula l-ligi u Nita Gavin giet debitament registrata bhala azzjonista tas-socjetà Health Managers (Malta) Limited.

Kenneth William Donaldson, l-attur kien id-direttur tas-socjetà Health Managers (Malta) Limited, u kien hu stess illi ffirma d-dokument li bih gew trasferiti l-ishma u kien hu stess li rregistra lil Nita Gavin bhala membru tas-socjetà Health Managers (Malta) Limited u kwindi ma jistax issa jigi l-istess Kenneth William Donaldson u jipprova jattakka dak li ghamel hu stess.

Il-fatt illi ma thallasx *Capital Gains Tax* fuq it-trasferiment huwa semmai nuqqas li ghandu jirrispondi ghalih l-istess attur ghax kien huwa stess illi ttrasferixxa l-ishma.

Il-hlas tal-boll ma huwiex necessarju *ad validitatem* sabiex isir trasferiment tal-ishma, stante li dak li hu necessarju hu li t-trasferiment isir bil-miktub, u li l-akkwirent tal-ishma jigi registrat bhala membru tas-socjetà, zewg kundizzjonijiet li fil-fatt gew rispettati. In-nuqqas li t-trasferiment gie imbullat kien nuqqas tal-istess attur bhala direttur u *company secretary* tal-istess socjetà Health Managers (Malta) Limited, u kwindi ma jistax issa l-attur javvanza tali talba fuq nuqqas tieghu stess.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-trasferiment huwa vinkolanti u validu wkoll stante li sar skond il-procedura kontemplata fl-*articles of association* tas-socjetà fejn ai termini tal-Artikolu 8, id-diretturi kellhom kull diskrezzjoni li jirrifjutaw

li jirregistraw trasferiment, izda fil-fatt mhux talli m'ghazlux li jaghmlu dan, talli l-istess allura direttur tas-socjetà, Kenneth Donaldson, illum l-attur, kien iffirma t-trasferiment u rregistrah mar-registru tas-socjetajiet.

In konkluzjoni, huwa ovvju li din l-azzjoni hija ntiza sabiex timmina l-azzjoni li qed tressaq il-konvenuta Nita Gavin ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 fil-procedura pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, cioè Rikors Numru 16/07 fl-ismijiet Nita Gavin et vs Kenneth William Donaldson et.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni. tac-Chairman intimat.

Ikkunsidrat illi a tenur tal-provvedimenti tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, r-registrazzjoni tad-dokumenti rigwardanti socjetajiet kummercjali hija wahda mir-responsabbilitajiet fdata fir-Registratur tal-Kumpanniji.

Skond l-istess Kap. 386 Registratur huwa definit bhala dik il-persuna mahtura taht l-Art. 400 tal-istess Kap. 386.

Mill-banda l-ohra l-Awtorità Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji hija stabbilita bil-Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Art. 6 (1) tal-imsemmi Kap. 330 jipprovdi testwalment:

*"Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabilixxi l-policies li għandhom jiġu eżegwiti mill-Awtorità. Waqt li jkun qed jistabbilixxi dawk il-policies il-Bord tal-Gvernaturi għandu jsegwi l-linji ta' gwida dwar dik il-policy stabbilita mill-Gvern. Il-Bord tal-Gvernaturi jkun ukoll responsabbli biex jagħti pariri lill-Gvern kif provdut fl-artikolu 4."*

L-ilment tar-rikorrenti li ghalih qed jitlob rimedju permezz ta' dawn il-proceduri jaqa' evidentement taht il-kappa tal-funzjonijiet tar-Registratur. Ic-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi ma jippartecipa b'ebda mod fir-registrazzjoni ta' ishma. Ghalhekk gie imharrek inutilment.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lic-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi ghas-Servizzi Finanzjarji.

L-ispejjez jithallsu minn Kenneth William Donaldson.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------